MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 641/2003

**Rudolphe Gaerty**
**Vs**
**Tamara Brincat nee Caruana li ghandha karta ta' l-identita'**
**numru 95373(M); u Paul Caruana li ghandu karta ta' l-identita'**
**numru 753360 (M) ghal kull interess li jista' jkollu;**
**u r-Registratur tal-Qrati ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur Rudolphe Gaerty ppremetta:

Peress illi nhar it-30 ta’ Ottubru 2001, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ppreseduta mill-Imhallef Anton Depasquale, akkordat mandat ta’ qbid (Numru 3031/01) fl-Atti tac-citazzjoni numru 354/01 JRM, kontra Paul Caruana, fuq it-targi tal-vetturi tal-marki Lotus b’ numru ta’ registrazzjoni ABE 049, Ford Escort b’ numru ta’ registrazzjoni BDC 693, Maserati b’ numru ta’ registrazzjoni IBA 759, u BMW b’ numru ta’ registrazzjoni OOM 500;

Peress illi tali mandat gie ezegwit nhar l-20 ta’ Novembru 2001 mill-marixxal Karmenu Xuereb kif jirrizulta mir-riferta relattiva (Dok. A);

Peress illi l-imsemmi marixxal tal-Qorti hatar bhala kunsinnatarja ta’ l-imsemmija targi lis-sinjura Tamara Brincat nee Caruana, oht Paul Caruana, li ghandha karta ta’ l-identita numru 95373(M);

Peress illi kuntrarjament ghal dak ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, il-kunsinnatarja naqset milli zzomm fil-kustodja taghha tali targi tan-numru ta’ registrazzjoni ta’ l-imsemmija vetturi billi dawn ma gewx elevati u mnehhija minn mal-vetturi de quo;

Peress illi l-kunsinnatarja ppremettiet lil Paul Caruana jaghmel uzu mill-istess targi tant illi Paul Caruana gie rrappurtat ma’ l-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar isuq fit-triq il-vettura tat-tip Maserati b’ numru ta’ registrazzjoni IBA 759 skond rapport numru 8/8328 2002;

Peress illi ukoll kuntrarjament ghal dak ddikjarat minn Paul Caruana u kif jirrizulta mir-riferta relattiva, il-vetturi kollha indikati huma propjeta’ ta’ Paul Caruana u ghadhom fil-pussess tieghu tant li diversi persuni rawh isuqhom fit-triq bit-targi f’posthom, u cioe’ kemm bil-vetturi li t-targi taghhom presumibilment kellhom ikunu fil-pussess tal-kunsinnatarja, kif ukoll bil-vettura tat-tip Lotus b’numru ta’ registrazzjoni ABE 049, li l-istess Paul Caruana cahad li kienet fil-pussess tieghu (ara Dok. A pagna 4);

Peress illi inoltre, l-imsemmija konvenuta kunsinnatarja hija espressament ipprojbita milli tigi appuntata kunsinnatarja ghal beni ta’ huha skond id-disposizzjoni ta’ l-artikolu 293 sub-artikolu (c) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili;

Peress illi nhar is-7 ta’ Marzu 2002, l-attur intavola rikors fl-Atti tac-citazzjoni numru 354/01 JRM wara l-Mandat ta’ Qbid Numru 3031/01 fejn talab illi jittiehdu l-passi kollha necessarji sabiex jigu kawtelati l-interessi tieghu;

Peress illi l-ebda passi ma ttiehdu sabiex jigu kawtelati l-interessi ta’ l-attur odjern;

Peress illi tali sitwazzjoni qed tippregudika u ser tibqa’ tippregudika l-interessi tal-attur odjern;

Ghaldaqstant, in vista tar-ragunijiet u fatti fuq premessi, l-attur jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha: -

(a) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunsinnatarja ma ezegwietx l-inkarigu moghti lilha kif inhu mistenni mill-ligi, stante li ppremettiet li Paul Caruana jibqa’ jaghmel uzu mit-targi surriferiti, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 298 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

(b) Tiehu l-passi kollha necessarji kontra l-konvenuta kunsinnatarja li naqset milli tottenpera ruhha mal-ordnijiet specifici ta’ din l-Onorabbli Qorti ta’ nhar it-tletin (30) ta’ Ottubru 2001, inkluz li ssib l-istess konvenuta hatja ta’ disprezz lejn l-Awtorita’ taghha;

(c) Tordna it-tnehhija mill-inkarigu ta’ l-imsemmija kunsinnatarja stante d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 293 (c) fuq citat, u tordna illi l-imsemmija targi jigu depositati l-Qorti a karigu ta’ l-ispejjez ta’ Paul Caruana, u dan ai termini tal-Artikolu 292 (3) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili;

(d) Taghti dawk id-dispozizzjonijiet u direttivi lill-Awtoritajiet kompetenti inkluz lill-Kummissarju tal-Pulizija

sabiex jittiehdu l-passi necessarji fl-eventwalita' li tali vetturi jibqghu jigu misjuqa fit-triq.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur Rudolphe Gaerty a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Tamara Brincat** a fol. 11 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi dwar ir-raba' talba, in linea preliminari u minghajr ebda pregudizzju ghal li gej, l-eccipjenti tecepixxi illi l-attur m'ghandu l-ebda interess guridiku halli jippromwovi tali talba.

2. Illi dwar it-tielet talba attrici, l-eccipjenti tecepixxi in linea preliminari li din hija irrita u nulla stante illi l-attur ma mexiex mal-procedura hekk kif ikkontemplata fl-Artikolu 292 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi l-eccipjenti tecepixxi illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-eccipjenti dejjem imxiet skond il-ligi u ghalhekk hija m'ghandhix tinsab hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti.

4. Illi dwar it-tielet talba attrici, l-eccipjenti tecepixxi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost li hija giet mahtura bhala kunsinnatarja u ghalhekk ma tahti xejn jekk hija wahda mill-persuna li ma tistax tigi mahtura bhala kunsinnatarja.

5. Illi dwar ir-raba talba attrici, l-eccipjenti jecepixxi fl-ewwel lok illi m' huwiex car x'qieghed precisament jitlob l-attur u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiskarta tali talba jew tichadha minnufih. F' kaz li tali talba tigi iccarata l-eccipjenti qieghedha tirriserva minn issa d-dritt illi tecepixxi ulterjorment.

6. Illi l-eccipjenti tecepixxi illi fl-aghar ipotesi billi l-procedura adoperata mill-attur ma kinitx dik hekk kif ikkontemplata fl-Artikolu 292 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija m'ghandha tbati l-ebda spejjez anzi dawn ghandu jsofrihom interament l-attur.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Registratur tal-Qrati** a fol. 15 tal-process fejn eccepixxa:

Illi l-interess ta' l-esponenti kien li jimxi fedelment skond il-ligi fl-ezekuzzjoni tal-mandat in kwistjoni, u fit-tehid ta' dawk il-passi li huma fil-kontroll u l-mansjoni tieghu, kif fil-fatt hekk ghamel u kif dan jista' jkun ippruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.

Inoltre, l-artikolu 293 (c) tal-Kap. 12, citat mill-attrici, japplika ghall-kreditur u mhux ghad-debitur.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici fil-konfront ta' l-esponenti huma infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Caruana** a fol. 20 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi dwar ir-raba' talba, in linea preliminari u minghajr ebda pregudizzju ghal li gej, l-eccipjent jecepixxi illi l-attur m'ghandu l-ebda interess guridiku skond il-ligi halli jippromwovi tali talba.

2. Illi dwar it-tielet talba attrici, l-eccipjent jecepixxi ukoll in linea preliminari li din hija irrita u nulla stante illi l-attur ma mexiex mal-procedura hekk kif ikkontemplata fl-Artikolu 292 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi l-eccipjenti jecepixxi illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana hekk kif se jipprova l-eccipjent waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

4. Illi dwar ir-raba' talba attrici, l-eccipjent jecepixxi fl-ewwel lok illi m'huwix car x'qieghed precisament jitlob l-attur u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiskarta

tali talba jew tichadha minnufih. F’ kaz li tali talba tigi iccarata l-eccipjenti qieghed jirriserva minn issa d-dritt illi jecepixxi ulterjorment.

5. Illi l-eccipjent jecepixxi illi fl-aghar ipotesi billi l-procedura adoperata mill-attur ma kinitx dik hekk kif ikkontemplata fl-Artikolu 292 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa m’ghandu jbati l-ebda spejjez anzi dawn ghandu jsofrihom interament l-attur.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk kif permessi mill-ligi.

Rat ir-rikors a fol. 96 u risposta a fol. 100;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

## FATTI

L-attur qed jaghmel dina l-kawza billi kien ghamel mandat ta’ qbid fuq it-targi tal-vetturi Lotus, Ford Escort, Maserati u BMW proprjeta’ tal-konvenut Paul Caruana u nhatret il-konvenuta l-ohra Tamara Brincat bhala konsennatarja. Illi jirrizulta li dawn it-targi qatt ma tnehhew minn fuq il-vetturi jew gew mghoddija lill konsennatarja imma thallew fuq il-vetturi li gew garaxjati f’post tal-familja tal-konvenuta Brincat. B’hekk, skond l-attur, il-mandat ma giex esegwit kif suppost u l-konvenuta Brincat ma esegwietx l-inkarigu moghti lilha billi ppermettiet lill konvenut Caruana juza l-imsemmija targi meta dawn kienu maqbudin mill-Qorti.

## DISPREZZ TAL-QORTI

**Fit-tieni talba** tieghu fic-citazzjoni l-attur ghalhekk talab li jittiehdu l-passi kollha necessarji kontra l-konvenuta kunsinnatarja li naqset milli tottenpera ruhha mal-ordnijiet specifici tal-Qorti tat-30 ta’ Ottubru 2001 u li ssib l-istess konvenuta hatja ta’ disprezz lejn l-Awtorita’ taghha.

Il-konvenuti eccepew li l-attur m'ghandu l-ebda interess guridiku skond il-ligi halli jippromwovi tali talba billi dina l-azzjoni kienet tispetta lill Registratur tal-Qorti skond il-Ligi.

Illi l-artikolu 1003A tal-Kap 12 jiddispondi li "bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan it-titolu f'kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur". Il-parti leza f'kazijiet bhal dawn hija l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda mill-kontendenti. Fil-fatt hija l-Qorti li trid tiddeciedi jekk tordnax lir-Registratur biex jipprocedi bl-azzjoni ghall disprezz u mhux il-parti. Ir-Registratur kellu jkun f''dina l-kawza l-attur u mhux konvenut kif gara f'dan il-kaz. **Ghalhekk dina t-talba ma tistax tigi milqugha**.

Lanqas ma tista tigi milqugha dika l-parti tat-talba li saret permezz tar-**rikors a fol. 96** biex ir-Registratur issa jiehu passi ghal disprezz u dana billi f'dan l-istadju u f'dina c-citazzjoni tali talba ma setghetx tigi proposta meta l-istess l-attur qed jippretendi li dina l-azzjoni kienet tispetta lilu.

Il-konvenuti issottomettew li billi l-procedura adottata mill-attur kienet irritwali dina kellha twassal ghan **nullita' tac-citazzjoni**. Il-Qorti pero' ma taqbilx billi f'dina l-kawza hemm diversi talbiet u mhux din biss ghal disprezz li saret biss fil-konfront ta' wahda mill-konvenuti, cjoe Tamara Brincat. Fid-dawl tal-prattika ta' dawn il-Qrati biex issalva dak li hu salvabbli, din il-Qorti mhiex ser tiddikjara c-citazzjoni nulla imma sejra tillimita ruhha ghat talbiet rimanenti li m'ghandhomx x'jaqsmu mat-talba ghal disprezz tal-Qorti.

**KUNSINNATARJA**

**Fl-ewwel talba tieghu** l-attur talab li dina l-Qorti tiddikjara li l-kunsinnatarja Tamara Brincat ma ezegwietx l-inkarigu moghti lilha kif inhu mistenni mill-ligi, stante li ppremettiet li Paul Caruana jibqa' jaghmel uzu mit-targi imsemmija, u dan bi ksur ta' l-artikolu 298 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Il-konvenuta wiegbet li hi ma tahti xejn jekk il-Marixall ma esegwiex il-mandat kif specifikat fil-mandat cjoe fuq it-targi biss. Dwar il-kwistjoni jekk hi setghetx tigi mahtura bhala kunsinnatarja qalet li l-attur ma talabx biex hi tigi sostitwita a tenur ta' l-artikolu 292(3) tal Kap 12 u ma tahti xejn jekk giet maghzula bhala kunsinnatarja. Dwar l-obbligi taghha bhala kunsinnatarja ssottomettiet li hija zammet il-karozzi ggaraxxjati sakemm damu fil-kontrol taghha.

Illi mill-provi prodotti f'dina l-kawza jirrizulta car li l-konvenuta Tamara Brincat ma ezegwitx l-inkarigu li kien inghata lilha kif kien mistenni minnha. Hija halliet il-karozzi fil-garage tal-familja taghha (Paul Caruana jigi huha) billi hija ma kelliex garage taghha u kif ser jinghad, il-konvenut Paul Caruana kellu access liberu ghalihom u dana a detriment ta' l-interessi ta' l-attur.

Illi gie pruvat li, ghalkemm il-karozzi gew maqbuda fit-2001, il-karozza Escort DBC 693 giet fotografata gewwa l-Gzira u Ta' Sliema (ara fol. 71) misjuqa mill-konvenut Caruana fit-18 ta' Marzu 2004 (ara rapport a fol. 59/60). Il-karozza Maserati IBA 759 kienet qed tinsaq fit-triq fit-2002 (ara fol. 38/39). Inoltre fuq dawn iz-zewg vetturi kienu hargu diversi citazzjonijiet tat-*traffic* meta dawn suppost kienu maqbudin bil-mandat 3031/01. Il-vettura Lotus ABE 049 kienet qed tintuza fit-triq fl-4 ta' Jannar 2004 (ara fol. 70).

Illi ghalhekk dina t-talba ghandha tigi milqugha.

**Fit-tielet talba** tieghu l-attur talab li l-Qorti tordna it-tnehhija mill-inkarigu ta' l-imsemmija kunsinnatarja stante d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 293 (c).

Il-konvenuti kienu oggezzjonaw u eccepew li dina t-talba hija irrita u nulla stante illi l-attur ma mexiex mal-procedura hekk kif ikkontemplata fl-Artikolu 292 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jigi osservat li ghalkemm il-ligi tghid li l-procedura kellha tkun permezz ta' rikors, izda bis-sahha ta' l-artikolu 164(2) tal-Kap 12 l-procedura bic-citazzjoni li uza l-attur mhiex nulla,

ghalkemm f'dan il-kaz billi ghazel dina l-procedura ghandu jbati parti mill-ispejjez ghal dina t-talba. Jigi rilevat li r-rikors li l-attur ghamel (ara fol. 31) ma kienx biex titnehha l-kunsinnatarja kif qed jitlob issa fit-tielet talba.

Il-konvenuti issottomettew illi fi kwalunkwe kaz issa l-mertu huwa ezawrit stante li t-targi issa gew ritornati lill Awtorita' koncernata. Ghalkemm dan huwa veru, izda kif xehed Brian Farrugia, dawn it-targi jistghu jerghu jigu rtirati jekk isiru l-proceduri normali bhal hlas ta' licenzja. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuta Brincat ghandha formalment tigi mnehhija minn kunsinnatarja u b'hekk dina t-talba ghandha tintlaqa' wkoll.

**Fit-tielet talba** l-attur talab ukoll li l-Qorti tordna illi l-imsemmija targi jigu depositati l-Qorti a karigu ta' l-ispejjez ta' Paul Caruana, u dan ai termini tal-Artikolu 292 (3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Illi skond Brian Farrugia rapprezentant tat-*Transport Authority*, il-vetturi nkwistjoni gew garaxxjati u n-*number plates* ritornati fil-25 ta' Frar 2004. Hu kkonferma li pero' dawn in-*number plates* jistghu jigu rtirati jekk isiru l-proceduri soliti.

Dwar dina t-talba l-Qorti tiddikjara li l-mertu fil-prezent huwa ezawrit salv il-provediment li ser jinghata fid-decizjoni finali aktar l-isfel.

**RIKORS – GURAMENT FALZ**

Finalment jigi rilevat li fil-mori tal-kawza l-attur kien ipprezenta rikors (ara fol. 96) fejn talab biex dina l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 601(1) tal-Kap 12 tiehu l-passi necessarji fil-konfront ta' Paul Caruana u dana ghar-raguni li Caruana xehed falz f'dina l-kawza meta xehed li vetturi ma kienux licenzjati u li kienu ggarxxjati u li huwa ma saqhomx meta fil-fatt dan mhux minnu u l-karozzi rawhom fit-triq u anke misjuqa minnu.

Il-konvenut Caruana wiegeb li l-fatt li hemm differenzi jew kunflitti bejn il-versjonijiet moghtija mix-xhieda f'dina l-kawza ma jfissirx li l-konvenut ta' xhieda falza.

Llli kif qalet il-Qorti fis-sentenza PA JRM Improved Design Ltd vs A. Grima 4/3/2004, "bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li b' "falz" wiehed irid hawn jifhem "xi haga li ma taqbilx mas-sewwa" u mhux semplicement "xi haga li l-parti ma taqbilx maghha" jew li haddiehor jaraha b'mod iehor. Fi kliem iehor, biex jista' jintwera li nghad il-falz taht gurament **irid jintwera li xi fatt imieri dak li nghad. Tali fatt irid jirrizulta mill-atti u mhux jissemma biss bhala argument."**

Il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz Paul Caruana xehed falz billi dak li qal hu michud minn fatti li jirrizultaw mill atti u mhux biss hemm kunflitt ta' provi.

Meta Paul Caruana xehed fil-kawza fil 18 ta' Frar 2004 hu qal li :

- Il-BMW u l-Lotus huma mahbutin u total loss.
- L-erba karozzi qeghdin f'garage il Madliena.
- Il Maserati u l-Ford Escort mhumiex licenzjati ghal dawn l-ahhar sentejn u ma jistghux jintuzaw fit-triq.
- Il-karozzi li hemm fil-garage jiena ma soqthomx.
- Hu juza taxis tal-Wembley billi l-karozzi sekwestrati u esebixxa kontijiet.

Kien sar rapport minn Mary Gaetry fit-28/2/2002 fejn irrapportat li rat il-karozza IBA 759 Maserati f' Bahar ic-Cahaq (Doc SG fol. 38).

Doriette Gaetry ghamlet rapport li fit-23/2/04 Car DBC 693 Ford Escort kienet il-Gzira u kienet qed tinstaq minn Paul Caruana (fol. 59). Imbaghad reggha ratha pparkjata fis-Sliema car park (ara Ritratt a fol. 71).

Fuq dawn il-provi biss il-Qorti ma kienitx tasal biex tghid li hemm kaz ta' xhieda falza izda hemm provi ulterjuri, u cjoe fatti li jgiddbu lill Paul Caruana, li huma s-segwenti.

Mill provi jirrizulta li l-karozzi kienu gew maqbuda fit-2001.

Brian Farrugia xehed li l-vetturi gew garaxxjati u n-*number plates* ritornati fil-25 ta' Frar 2004.

Giet pruvat li nhargu citazzjonijiet fuq il-vetturi ABE 049; DBC 693; IBA759 (fol. 61 sa 70) ghall kontravenzjonijiet tat-traffiku meta dawn il-vetturi suppost kienu maqbuda bil-mandat li nhareg fil-30/10/**2001.** Fuq il-vettura DBC 693 Ford Escort hemm citazzjonijeit tat-2002 u 2003 u fuq il-vettura IBA 759 Maserati hemm citazzjonijiet tat-2001, 2002 u 2003. Dan meta dawn suppost kienu ggaraxxjati.

Ghalhekk fuq ir-rikors imsemmi ghandhom jittiehdu passi ghal gurament falz kontra Paul Caruana.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' l-ewwel, it-tielet u raba' talbiet;
Tichad it-tieni talba;
Tordna li t-targi li gew ritornati jibghu mizmumin ghand l-awtorita' koncernata sakemm ma jigix revokat il-mandat 3031/01;
Tordna li Paul Caruana jigi arrestat minnufih u li minghajr dewmien, permezz tar-Registratur, tintbghat kopja ta' dawn l-atti lill Qorti tal-Magistrati biex jitmexxa kif trid il-Ligi;
Spejjez kwantu ghal tlett kwarti ghall-konvenuti Caruana u Brincat u kwart ghall attur;
Tillibera lill konvenut Registratur tal-Qrati mill-osservanza tal-gudizzju
Spejjez ghall attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------